



Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sessi fl-Iżvilupp

1. L-2015 hija sena kruċjali għall-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fil-kuntest globali, b'negożjati intergovernattivi dwar l-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, b'mod partikolari fid-dawl tal-15-il anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u l-20 anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-Programm ta' Azzjoni tal-Kajr, u l-eżiti tal-konferenzi għar-reviżjoni tagħhom, u l-osservanza tal-obbligi skont il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa. Barra minn hekk, huwa jilqa' d-Dikjarazzjoni Politika adottata fid-59 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa, u t-talbiet sabiex in-nisa u l-bniet jiksibu b'mod sħiħ u uguali d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għat-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.
2. L-Avveniment ta' Livell Għoli dwar 'It-Tiżiż tal-Pożizzjoni tan-Nisa u l-Iżvilupp Sostenibbli', li l-Preżidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea laqgħet f'Riga fit-2 ta' Marzu 2015 fil-kuntest tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, ta opportunità għat-tiġdid tal-impetu politiku u l-afermazzjoni mill-ġdid tal-impenn qawwi tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ġustizzja soċjali, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem.
3. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha għal kulħadd. Il-Kunsill jilqa' r-rwol ewieni li l-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin iwettqu permezz tal-appoġġ tagħhom għall-inizjattivi internazzjonali ta' promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, u jappella biex jibqa' jkun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-korpi tan-NU, b'mod partikolari UN Women, kif ukoll ma' fori u atturi internazzjonali rilevanti oħra. L-organizzazzjonijiet tan-nisa huma sħab kruċjali tal-UE f'dak li jirrigwarda r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet.

- [It-test sħiħ tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sessi fl-Iżvilupp](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press